**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Frar 2022**

**Avviż Numru 102/2019**

**Bioplast Srl (SA230091)**

**Vs**

**Valletta Consulting Limited ġia Pack Trading Limited (C59004)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fit-28 ta' Mejju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas is-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u tmienja u erbgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€13,348.33) oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura rappreżentanti ħlas dovut għall-merċe ta' plastic supplita lilha u li ma ġietx imħallsa kif jirriżulta mill-fatturi annessi mar-rikors promutur.

Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta ppreżentata fil-11 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :

*"Illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti BioPlast Srl għandhom jiġu miċħuda u dan għas-segwenti raġunijiet;*

1. *Illi s-soċjeta' esponenti tirrileva li l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikkorenti mhux dovut fil-fatt u lanqas fid-dritt.*

2. *Illi is-soċjeta' esponenti ma għandha tagħti l-ebda ammont lill-kumpanija Bioplast Srl.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-prodotti forniti lis-soċjeta` esponenti ma kienux kif mitlub iżda kienu diffettużi u għalhekk ma kienux tal-kwalita' pattwita' kif ser jiġi pruvat fil-kawża.*

   *Illi tant hu hekk li l-prodotti ġew rrifjutat u dan in linea mal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi s-soċjeta' esponenti infurmat lis-soċjeta' rikorrenti diversi drabi ta' ilmenti mressqa da parti tal-klijenti tagħhom in kwantu għall-istess prodotti iżda s-soċjeta' rikorrenti naqset milli tikkoopera mal-esponenti.*

5. *Illi għal kull buon fini s-soċjeta' esponenti qed tirriżerva kull dritt li ġġib azzjoni għad-danni fil-konfront tal-istess soċjeta' rikorrenti Bioplast Srl.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjeta` attriċi ppreżentat il-provi tagħha permezz ta' affidavits.

**Lidia Bisogno**, Manager tal-*quality control* fid-Dipartiment tal-Inġinerija mas-soċjeta` attriċi, xehdet illi s-soċjeta` attriċi tipproduċi ppakkeġġjar ta' diversi prodotti, inkluż ikel. Hija tispjega l-proċess tal-ħidma tas-soċjeta` attriċi fejn fl-ewwel fażi jsir il-*printing* fuq *neutral coils* li jkunu mixtrija mis-soċjeta` stess. Tispjega li permezz ta' emejl, fis-27 ta' Lulju 2016 kien ġie senjalat lilha minn ċerta Monia Iannucci, għan-nom ta' Global Packacing SRL, fejn informatha li s-soċjeta` konvenuta kienet irriskontrat problemi fuq l-istampar ta' 7 *coils*. Ix-xhud irrispondiet għal din l-emejl fl-1 ta' Awwissu 2016 fejn spjegat lil Iannucci li ma kinitx taqbel ma' dak relatat minnha għaliex jekk kien hemm problema din kienet biss għall-ewwel ftit metri għaliex anke jekk fil-proċess inizjali kien hemm xi difett, wara ftit metri il-*photocell* iġġib kollox in linea kif suppost. Tispjega wkoll li hija ma rċeviet l-ebda ilment mill-operaturi tal-*cutting machines* u li meta hija għamlet l-*audit* tal-kwalita` qabel ma ġie konsenjat ix-xogħol, sabet li dawn kienu konformi mal-istandards ta' kwalita`.

**Assunta Gambardella**, impjegata amministrattiva mas-soċjeta` attriċi, spjegat illi mill-ammont reklamat hemm ammonti li qatt ma ġew ikkontestati u baqgħu ma tħallsux, u dan senjatament għal fattura numru 2349 u 1125, filwaqt li fir-rigward tal-fattura 1261 din

ġiet parzjalment kontestata. Hija spjegat li fl-emejl li ntbagħtet lis-soċjeta` attriċi f'Lulju 2016 ġie dikjarat illi l-ispiża sabiex isir *audit test* u jiġi rranġat l-iżball tammonta għal Eur1500 u kwindi l-bilanċ kellu jitħallas kif dovut.

Illi s-soċjeta` konvenuta ppreżentat affidavit ta' **Marco Tuccella**, direttur ta' Global Packaging SRL li spjega li fl-2013 is-soċjeta` rappreżentata minnu daħlet f'*agency agreement* mas-soċjeta` attriċi. Jispjega li fost il-klijenti tagħhom kien hemm is-soċjeta` konvenuta. Jisjega li fil-bidu kollox mar sew pero` fl-2014 bdew jirċievu ħafna lmenti mill-klijenti tagħhom rigward il-kwalita` tal-prodott supplit mis-soċjeta` attriċi. Jispjega li l-iktar inkwetanti kienet l-attitudni li s-soċjeta` attriċi ħadet meta rinfaċċjata b'dawn l-ilmenti stante li kienet issostni li ma kienx tort tagħha imma tort tal-magni tal-klijenti u li l-ilmenti kienu jikkonċernaw kwantita` żgħira u għaldaqstant ma kienx hemm bżonn ta' l-ebda rimborż ta' spejjeż. Jispjega li in vista li s-soċjeta` attriċi kienet qed tirrifjuta li ssolvi l-problemi, il-klijenti tas-soċjeta` konvenuta bdew jissospendu l-pagamenti u allura l-istess soċjeta` kellha tagħmel l-istess mas-soċjeta` attriċi biex forsi s-soċjeta` attriċi tibda tieħu bis-serjeta` l-ilmenti li kien qed ikun hemm. Ix-xhud esebixxa żewġ filmati li juru l-ipproċessar tal-materjal supplit mis-soċjeta` attriċi u l-ipproċessar tal-istess materjal supplit minn kompetitur tagħhom, minn fejn wieħed jista' jara li l-materjal supplit mis-soċjeta` attriċi ifixkel il-linja ta' produzzjoni. Jispjega li fil-linja ta' kummerċ tagħhom il-kompetizzjoni hija ħarxa u kwindi anke żball żgħir isarraf f'telf ta' negozju.

In kontro-eżami x-xhud spjega illi meta laħqu ftehim biex jibdew jaħdmu mas-soċjeta` attriċi huma kienu konxji tal-*quality control* li kienet tħaddem l-istess soċjeta`. Jispjega li *on paper* kienet taħdem perfett, pero fil-prattika kienet diżastru. Huwa kkonferma li mhux il-fornitura kollha kienet difettuża iżda parti minnha. Fuq mistoqsija tad-difensur tas-soċjeta` attriċi x-xhud spjega li l-problema kienet « *printing problem and machine problem.* » Jispjega li l-*after sales* tas-soċjea` attriċi kien wieħed fqir. Huwa spjega li kien anke stieden lis-sid tas-soċjeta` attriċi biex imorru Malta biex jidentifikaw l-entita` tal-problema, pero` dan ma kkollaborax.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjeta` konvenuta tissottometti li l-ebda ammont reklamat m'hu dovut stante li l-prodotti forniti mis-soċjeta` attriċi kienu difettużi u fil-fatt dawn ġew rifjutati in linea mal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi ċ-ċitat artikolu jgħid is-segwenti, u cioe`:-

*"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

Illi għalhekk ir-rimedju li kellha s-soċjeta` konvenuta kien allura dupliċi, jew li tirrifjuta l-ħaġa u titlob id-danni, u cioe li tirrixxindi l-kuntratt minħabba l-inadmepjenza tal-venditur, jew li żżomm l-oġġett lilha konsenjat, imma tesiġi riduzzjoni fil-prezz. F'din it-tieni eventwalita', l-kuntratt ta' komprovendita jibqa' jissusisti, pero il-kompratur, ikollu dritt jiġi kkumpensat minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-venditur. Hu paċifiku illi d-dritt mogħti lill-kompratur bl-artikolu 1390 tal-kodiċi Ċivili jista jiġi eżerċitat "per vie di eċċezzjoni". Dan hu prinċipju ormai stabbilit fil-ġurisprudenza (Vol. XXX. Pt 1 p 751). Pero`, għandu jkun ċar illi l-konvenut kompratur għandu jpoġġi lilu nnifsu f'posizjoni ġuridika li jkun jista' jeżerċita dan ir-rimedju u m'għandux, u ma jistax, bl-azzjoni tiegħu stess jippreġudika tali dritt. Ir-rifjut ta' l-oġġett u t-talba għall-ħlas ta' danni, li kif ingħad jimportaw talba dikjaratorja tar-rexxisjoni tal-kuntratt, jimportaw li l-oġġett mibjugħ jiġi ritornat lill-venditur, neħħi f'dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn dan ikun fiżikament impossibli. Ċertament il-kompratur ma jistax jirrifjuta l-oġġett, filwaqt li jibqa' jżommu taħt il-kontroll tiegħu. F'dan ir-rigward hi nteresanti sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Robert Bond vs Austin Agius et** deċiża fis-16 ta' April 1993 li kkonsidrat sitwazzjoni analoga: *"Minn dan il-mument 'l quddiem, l-attur (il-kompratur) kellu jagħżel bejn iż-żewġ modi kif jipproċedi – jew jitlob li jħassar il-ftehim kollu, jikkonsenja l-vettura lill-konvenuti u jitlob ir-rifużjoni ta' dak li jħallas u anke d-danni, jew iġiegħel lill-konvenuti jimplementaw il-ftehim…." Issa l-Qorti tinnota li din l-eċċezzjoni ġiet mogħtija 'l fuq minn sentejn wara li sar il-biegħ effettiv u wara li l-konvenut kien diġa iddispona mill-konsenja. Hu għalhekk paċifiku li l-bejjiegħ hu obbligat li jikkonsenja l-oġġett minnu mibjugħ li jkun tal-kwalita miftiehma bejnu u bejn ix-xerrej. (vide **Nazzareno sive Ronnie Cauchi et noe vs Joseph Baldacchino** et noe deċiża nhar 7 t'Ottubru 1997 mill-Qorti ta' l-Appell)."* Illi s-soċjeta` attriċi qed issostni li l-materjal konsenjat minnha kien ta' kwalita tajba, waqt li

s-soċjeta` konvenuta tgħid li hija sofriet danni minħabba din il-konsenja difettuża għalkemm kontro talba għad-danni ma ppreżentatx u lanqas kawża għad-danni kontra s-soċjeta' attriċi ma fetħet.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-27 ta' Lulju 2016 is-soċjeta` Global Packaging SRL bagħtet email bis-suġġett "Recalao/Segnalazione --- Pack Trading – Eheren" fejn infurmat lis-soċjeta` attriċi illi wara komunikazzjoni li diġa kellhom, kienet qed tiġbed l-attenzjoni illi d-difett riskontrat ma kienx biss fl-ewwel parti tal-*film* iżda kien jipprosegwi għal diversi metri oħra tant li ma setgħux ikomplu bil-produzzjoni tal-prodott. Is-soċjeta` attriċi ġiet infurmata wkoll liema prodotti kienu difettużi u wkoll illi kienet instabet kumpanija terza li tista' tirtira l-*film* u tirranġa d-difetti u dan versu l-prezz ta' elf u ħames mitt ewro (€1500). Fin-nuqqas is-soċjeta` attriċi kellha tiġbor il-prodott difettuż, terġa' taħdmu u tikkonsenjah mill-ġdid.[1]

Fl-1 ta' Awwissu 2016 is-soċjeta` wieġbet għal din l-email u kkontestat dak allegat u sostniet li d-difett kien biss ta' ftit metri ta' *film*.[2]

Illi s-soċjeta` konvenuta pproduċiet bħala prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħha lil Marco Tuccella li ppreżenta numru ta' dokumenti u filmati in sostenn ta' dak mistqarr fl-affidavit tiegħu.

Illi minn dak li jirriżulta mill-istess affidavit, Marco Tuccella huwa d-Direttur ta' **Global Packaging SRL**, liema soċjeta`, fl-2013, daħlet fi ftehim ta' aġenzija mas-soċjeta` rikorrenti. Skont l-istess Tuccella waħda mill-klijenti ta' Global Packaging SRL kienet is-soċjeta' konvenuta **Pack Trading Ltd**. Illi madankollu din il-Qorti tosserva illi din il-kawża ġiet kondotta daqs li kieku s-soċjeta` konvenuta kienet Global Packaging SRL u mhux Valletta Consulting Limited ġia' Pack Trading Limited. Illi jekk kien hemm xi tip ta' ftehim bejn Global Packacing SRL u s-soċjeta` konvenuta ma nġabx a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Kwindi din il-Qorti trid neċessarjament timxi fuq il-provi prodotti, minn liema provi jirriżulta illi l-fatturi ġew mibgħuta lis-soċjeta` konvenuta u mhux lil Global Packaging SRL

Illi din il-Qorti fliet kemm il-filmati u kemm l-emejls esebiti minn Tuccella u ma sabet l-ebda emejl li tirrigwarda s-soċjeta` Pack Trading Limited jew prodotti destinati lilha da parti tas-soċjeta` attriċi. Filwaqt li hemm numru ta' emejls li jitrattaw numru ta' difetti

[1] Email a fol. 36 u 27
[2] Email a fol. 26

li klijenti oħra ta' Global Packaging SRL kienu qed jirriskontraw, madanakollu din il-Qorti ma setgħet issib l-ebda referenza għas-soċjeta` konvenuta, bil-maġġor parti tal-emejls ikunu dawk skambjati bejn is-soċjeta` Global Packaging SRL u s-soċjeta Ġermaniża CBI-Verpackung.

Illi, *dato ma non concesso*, illi kien hemm problemi fil-prodotti manifatturati għall-imsemmija soċjeta` Ġermaniża, dan ċertament ma jagħmilx prova kontra s-soċjeta` attriċi fir-rigward tal-prodotti forniti lis-soċjeta` konvenuta. Illi l-unika emejl li tirrigwarda parti mill-ammont reklamat f'din il-kawża hija dik tas-27 ta' Lulju 2016 li ġiet mibgħuta mis-soċjeta` Global Packaging SRL u li tirreferi għall-fattura bin-numru 1261. Il-kontenut tal-istess emejl ġie kontestat mis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta esebiet ukoll kampjun ta' *packaging* ta' ħelu li l-karta tiegħu hija f'ċertu partijiet imkemmxa.[3] Pero` ma ġie prodott l-ebda xhud mis-soċjeta` konvenuta li seta' jelabora dwar l-istess dokument jew l-entita` tad-difett riskontrat minnha. Min-naħa l-oħra din il-Qorti għandha x-xhieda ta' Lidia Bisogno, impjegata tas-soċjeta` attriċi, illi xehdet illi jekk kien hemm difett dan kien biss fl-ewwel ftit metri jew fl-aħħar ftit metri. Lanqas ma jirriżulta, kif jingħad fl-eċċezzjonijiet, illi l-materjal li skont is-soċjeta` konvenuta kien difettuż ġie b'xi mod ritornat lis-soċjeta` attriċi.

Is-soċjeta` konvenuta, sabiex teżimi ruħha minn kull responsabilita', kellha tiddeposita l-oġġetti minnha allegatament rifjutati taħt l-Awtorita' tal-Qorti appena kkonstatat li skond hi, l-oġġetti konsenjati ma kinux tal-kwalita` pattwita, u dana jekk hija kellha xi intenzjoni tirrexxindi l-bejgħ kif dispost fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Il-fatt li dan m'għamlitux, jpoġġi l-konvenuta fil-posizzjoni li ma tistax teżiġi li l-kuntratt jiġi rexiss. Il-Qorti hija tal-fehma illi bil-kondotta tagħha s-soċjeta' konvenuta ittollerat kwalunkwe nuqqas ta' konformita` li seta' kien hemm u ta' l-integrita fil-ħaġa mixtrija meta hi kienet xjenti mill-fatt illi l-istess kienet inadegwata għall-użu tagħha.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta` attriċi ppruvat it-talba tagħha sal-grad li l-liġi tirrikjedi fil-kamp ċivili filwaqt li s-soċjeta` konvenuta ma ssostanzjatx l-eċċezzjonijiet mogħtija minnha.

**DECIDE**

[3] A fol. 103

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li qed tilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi, qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi dik is-somma imsemmija fl-avviż u cioe` tlettax-il elf, tliet mija u tmienja u erbgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€13,348.33).

Bl-ispejjeż kif mitluba kontra s-soċjeta` konvenuta u bl-imgħax dekorribbli ai termini tal-artikolu 1141 (1) tal-Kodiċi Ċivili u cioe` mid-data ta' kull fattura esebiti bħala Dokument A, B u C mar-rikors promutur.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

---

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**